MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2009

Numru. 87/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Johann Calleja**

Kumpilazzjoni Numru 87/2009

**Illum 18 ta' Frar 2009,**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Johann Calleja, ta' 23 sena, iben Joseph u Carmen nee` Amaira, imwieled Pieta` nhar id-9 ta' Settembru 1985, residenti 50, Triq Santa Marija, Bormla, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 459585M.

Akkuzat talli b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b’ rizoluzjoni wahda:

Talli bejn is-17 ta’ Jannar 2009 u t-3 ta’ Frar 2009 gewwa Bormla u gewwa dawn il-gzejjer, appropja ruhu, minn diversi oggetti mobbli u immobbli li l-valur taghhom jeccedi l-2,329.37 Euro (elfejn tlitt mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu) billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal-persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor, li giet fdata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir minnha uzu specifikat ghad-dannu ta’ ommu Carmen Calleja minn Bormla.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghal-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta dawn il-persuni fuq indikati.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai terminu tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’ kaz ta’ htija ma kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat l-artikoli 18, 293, u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 18 ta’ Frar 2009 minn din l-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu; din ghalhekk hija sodisfacjentement purvata.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati, l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija l-ammissjoni tieghu fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali ta' l-imputat li hija wahda netta.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-imputat ghandu problem b'l-abbuz tad-droga u li huwa lest li jibda jindirizza din l-problema.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 293, u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta'l-istess Kap 9 qed jigu sospiezi ghal erbgha snin; in oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28G tal-Kap 9 qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' supervizzjoni bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni moghti kontestwalment inkluz dak li jibda programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija fil-perjodu fuq indikat ta' erbgha snin.

In konkluzzjoni l-Qorti tordna n-notifika lid-Direttur ta'l-Ufficcju tal-Probation sabiex jigi assenjat ufficjal ghas-sorveljanza tal-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------